# SAN GWANNI PAWLU II

***"Tibżgħux tiftħu qalbkom beraħ għal Kristu"***



San Ġwanni Pawlu II li veru kien jismu Karol Józef Wojtyla twieled ġol-Polonja fit-18 ta' Mejju 1920. Ommu mietet qabel ma'kellu għaxar snin u meta kellu tnax-il sena ħuh miet.

Fl-1938, Karol u missieru telqu minn Wadowice għal Krakow. hem daħal fl-Univetsità tal-post jistudja. Hu tgħallem 12-il lingwa. F'dak iż-żmien kellu bilfors jieħu sehem f'taħriġ tal-armata. Fl-1939 il-Ġermanja invadiet lill-Polonja u ngħalqet l-Università. Bejn l-1940 u l-1944, Karol kellu jagħmel deversi xogħlijiet fosthom fil-barrieriħ u f'fabbrika tal kimiċi. Fl-1940 missieru miet. Fl-1942 beda l-istudju tiegħu għas-saċerdozju fis-seminarju ta' taħt l-art. Fis-17 ta' Jannar 1945, il-Ġermaniżi ħarbu mill-belt ta' Krakow u b'hekk is-seminaristi komplew l-istudji tagħom fis-seminarju nofsu mġarraf.

F'Ottubru tal-1978, wara l-mewt tal-Papa Pawlu VI, imbagħad ta' Ġwanni Pawlu I, li l-pontfikat tiegħu dam 33 ġurnata biss, Kardinal Karol Wojtyla kien elett Papa. Kellu 58 sena, u ħa l-isem ta' Ġwanni Pawlu II. Għamel taqlib kbir. Żar 129 pajjiż. Ibbeatifika 1,340 persuna u kkanonizza 483 qaddis. Kiteb 14-il enċiklika. Ħadem ħafna għall-għaqda tal-knejjes. Kellu sehem kbir biex jinqered il-komuniżmu. Il-motto tiegħu kien s-sejħa universali għall-qdusija. ***"Tibżgħux tiftħu qalbkom beraħ għal Kristu,"*** kienet waħda mill-frażijiet popolari tiegħu. Waqqaf il-Jum Dinji għaż-Żgħażagħ.

Hu miet 2 ta' April, 2005. Fis-17 ta' Diċembru, 2009 sar venerabbli u l-Papa ta' warajh ibeatifikah fl-1 ta' Mejju, 2011.